

— L-ACER tevita d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2019/943 dwar il-konfigurazzjoni ġdida taż-żoni ta' preżentazzjoni tal-offerti.

— L-ACER tingħata kompetenza relatata mar-riorganizzazzjoni taż-żoni ta' preżentazzjoni tal-offerti u għalhekk tikser l-Artikolu 14(3), (6), (7) u (8) tar-Regolament (UE) 2019/943 kif ukoll l-Artikolu 15(5) u (7) ta' dan ir-regolament.

3. It-tielet motiv, ibbażat fuq ksur tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1222 (¹).

— Il-kriterju ta' effikaċja ppreżentat mill-ACER jobbliga *de facto* lill-Istati Membri jikkonfiguraw mill-ġdid iż-żoni ta' preżentazzjoni tal-offerti tagħhom. Dan imur kontra r-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2015/1222.

— L-ACER teħtieġ applikazzjoni estensiva tal-azzjonijiet ta' rimedju. Dan imur kontra d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2015/1222.

4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalitā

Id-deċiżjoni tal-ACER hija sproportionata peress li ma tippermettix li jiġu ssodisfatti l-għanijiet tar-Regolament (UE) 2015/1222.

5. Il-ħames motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni

Id-determinazzjoni tal-elementi tan-netwerk kritiċi u l-adozzjoni fi stadju bikri ta' azzjonijiet ta' rimedju sabiex jiġu eliminati l-flussi ta' enerġija paralleli jwasslu għal diskriminazzjoni indiretta bbażata fuq in-nazzjonalitā.

(¹) Regolament (UE) 2019/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar is-suq intern tal-elettriku (ĠU 2019, L 158, p. 54).

(²) Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1222 tal-24 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi Linji Gwida dwar l-Allokazzjoni tal-Kapaċità u l-Ġestjoni tal-Konġestjoni (ĠU 2015, L 197, p. 24).

### Rikors ippreżentat fl-24 ta' Settembru 2019 – Essential Export vs EUIPO – Shenzhen Liouyi International Trading (TOTU)

(Kawża T-633/19)

(2019/C 383/79)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

#### Partijiet

Rikorrenti: Essential Export SA (San José, il-Kosta Rika) (rappreżentant: A. Tarí Lázaro, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprijetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Shenzhen Liouyi International Trading Co. Ltd (Shenzhen, iċ-Ċina)

#### Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenju: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark* kontenju: applikazzjoni għat-trademark figurattiva tal-Unjoni Ewropea TOTU fl-aħmar u l-iswed – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 16 736 712

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-22 ta' Lulju 2019 fil-Każ R 362/2019-2

#### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġibha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

### Motiv invokat

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

### Rikors ippreżentat fil-25 ta' Settembru 2019 – Fondazione Cassa di Risparmio di Pesaro et vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża T-635/19)

(2019/C 383/80)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

### Partijiet

Rikorrenti: Fondazione Cassa di Risparmio di Pesaro (Pesaro, l-Italja), Montani Antaldi Srl (Pesaro), Fondazione Cassa di Risparmio di Fano (Fano, l-Italja), Fondazione Cassa di Risparmio di Jesi (Jesi, l-Italja), Fondazione Cassa di Risparmio della Provincia di Macerata (Macerata, l-Italja) (rappreżentanti: A. Sandulli u B. Cimino, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

Ir-rikorrenti jitbolu li l-Qorti Ĝeneralji jogħġobha:

- tivverifika u tiddikjara r-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Kummissjoni Ewropea peress li ostakolat, bl-istruzzjonijiet illeġittimi mogħiġa lill-awtoritajiet nazzjonali Taljan, il-kapitalizzazzjoni mill-ġdid tal-Banca delle Marche permezz tal-Fondo Interbancario italiano per Tutela dei Depositi (il-Fond Interbankarju Taljan għall-Protezzjoni tad-Depożiti; iktar 'il quddiem il-“FITD” tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea tħallas kumpens għad-danni kkawżati lir-rikorrenti, stmati skont il-kriterji indikati iktar 'il quddiem jew bl-ammont li jitqies ekwu mill-Qorti tal-Ġustizzja;
- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw erba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq l-ammissibbiltà tat-talba għall-kumpens.

— F'dan ir-rigward ir-rikorrenti jsostnu li d-dannu allegat huwa attribwibbi lil istituzzjoni Ewropea, anki jekk il-miżuri ta' riżoluzzjoni tal-Banca delle Marche ġew formalment adottati minn awtorità nazzjonali. Fil-fatt, il-Banca d'Italia ma eżerċitat l-ebda diskrezzjoni fil-mertu, iżda aġixxiet abbażi ta' struzzjonijiet preċiżi maħruġa mill-Kummissjoni Ewropea. Barra minn hekk, minħabba l-mod li bih il-Kummissjoni eżerċitat il-poter tagħha, ir-rikorrenti ġew imċahha mill-possibbiltà li jippreżentaw rikors ordinarju għal annullament quddiem il-Qorti Ĝeneralji, peress li l-azzjoni għad-danni kienet tikkostitwxi l-unika rottा proċedurali possibbli.